# Rapport Annwali 2020

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# Rapport Annwali 2020

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2021 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Librerija Pubblika Ċentrali, Triq Prof. Joseph Mangion, il-Furjana, FRN1800
*ktieb.org.mt*

Stampat: L-Istamperija tal-Gvern

Disinn: Steven Scicluna

Drittijiet tat-test © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Drittijiet tar-ritratti © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-99957-939-8-2: Rapport Annwali 2020 (verżjoni stampata).
ISBN: 978-99957-939-9-9: Rapport Annwali 2020 (verżjoni diġitali).

Kull dritt ta' pubblikazzjoni huwa miżmum mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.
*Dal-ktieb qed jitqassam b'xejn u allura ma jistax jinbiegħ. Jista' jissellef, jingħata bħala donazzjoni jew jiġi riprodott f'xi parti minnu. Ma jistax jiġi riprodott f'xi parti minnu jew b'mod sħiħ f'kull tip ta' forma jew b'kull mod ieħor jekk qabel ma jintalabx il-permess lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Werrej*

Il-Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv *5*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *8*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb *12*

Il-Fond Malti tal-Ktieb *16*

Xogħol Internazzjonali
u Esportazzjoni Letterarja *18*

Produzzjonijiet Audjoviżivi *22*

Konkorsi Letterarj Oħra *24*

Inizjattivi Oħra *26*

Rapport Finanzjarju *30*

ISBN u ISMN *32*

Ħlas għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku *70*

# *Dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-entità pubblika li tieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta b'għadd ta' servizzi importanti. Il-Kunsill dan jagħmlu billi jħabrek biex jippromwovi l-qari u l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom varji tiegħu. Nirrappreżentaw lill-kittieba u lill-pubblikaturi fi mkejjen u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex immexxu 'l quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba; norganizzaw il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fost inizjattivi oħra fuq skala iżgħar; namministraw il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku; invaraw diversi konkorsi letterarji; u aħna wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

Id-dispożizzjoni mentali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hi waħda primarjament kulturali u multimedjali, u b'dawn jirnexxilna naħdmu ma' msieħba differenti biex nilħqu għanijietna. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika. Malta Libraries, li hija l-entità pubblika li tieħu ħsieb il-libreriji pubbliċi u l-Bibljoteka Nazzjonali, hija separata iżda naħdmu mill-qrib flimkien.

*www.ktieb.org.mt*

*Indirizz*
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Il-Librerija Pubblika Ċentrali
Triq Prof. Joseph J. Mangion
Il-Furjana FRN1800
Malta (UE)

*Telefown*
+356 27131574 | +356 21222654 | 27300672

## L-istaff u d-dettalji tagħhom

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

*Direttur Eżekuttiv*
Simona Cassano
simona.cassano@ktieb.org.mt

*Segretarju*
Joe Debattista
joe.debattista@gov.mt

*Maniġer Anzjan (Avvenimenti u Drittijiet ta' Barra)*
Matthew Borg
matthew.borg@ktieb.org.mt

*Maniġer (Fondi u Kontenut)*
Andrew Ricca
andrew.ricca@ktieb.org.mt

*Uffiċjal tal-ISBNs*
Michael Mercieca
michael.mercieca@gov.mt

*Traduttur (Għarbi):*
Walid Nabhan

*Deputat Kap*
Norbert Bugeja

*Membri tal-Kunsill*
Antoinette Borg
Jean Paul Borg
Maria Brown
Leanne Ellul
Aleks Farrugia
Audrey Friggieri
Chris Gruppetta

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Il-Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv*



Is-sena 2020 kienet l-aktar waħda diffiċli għall-industrija lokali tal-kotba minħabba l-imxija Covid-19 u l-kriżi ekonomika li kkawżat. Il-lockdown, l-għeluq tal-ħwienet u n-nuqqas fit-turiżmu wasslu għal tnaqqis kbir fil-bejgħ tal-kotba. Qed nistmaw li kien hemm madwar 75% tnaqqis fid-dħul għall-industrija, għalkemm jiena u nikteb dal-messaġġ se jkomplu joħorġu aktar numri eżatti. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb kellu jsir online li fisser ukoll tnaqqis fil-bejgħ għall-pubblikaturi. Il-proċess biex tinġabar dejta eżatta xxekkel matul is-snin għax bosta pubblikaturi ma qablux mal-mod kif kellha tinġabar did-dejta. Eventwalment intlaħaq ftehim dwar il-mod tal-ġbir u fl-aħħar dal-ġbir tal-istatistika se jibda.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) indirizza dil-kriżi skont tliet strateġiji fit-tul. L-għanijiet kienu li nipprovdu lill-pubblikaturi b'mezz għas-sopravvivenza u ngħinuhom inaqqsu l-iżbilanċ tort tan-nuqqas ta' bejgħ tal-kotba mill-ħwienet tradizzjonali.

L-ewwel nett tajna spinta kbira lir-reklamar online biex il-pubbliku jkun jaf li jista' jixtri l-kotba mill-ħwienet online tal-pubblikaturi.

It-tieni, għamilna xirjiet ta' emerġenza mill-pubblikaturi lokali, għaddejna dal-kotba bħala donazzjoni lil-libreriji pubbliċi, u komplejna nippromwovu l-użu tal-libreriji pubbliċi dejjem skont id-direttivi tas-saħħa.

Finalment, bdilna s-sistema tal-vawċer tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u għamilnieha li setgħu jissarrfu mill-ħwienet online tal-pubblikaturi sabiex ninstigaw il-qalba għall-online tax-xiri tal-kotba.

Il-miżuri li ħadna ma kinux biżżejjed biex nagħmlu tajjeb għat-telf li l-kriżi ekonomika darrbet bih lill-industrija, imma tal-inqas provdejna n-nifs li bih il-pubblikaturi baqgħu għaddejjin. Dan-nifs għandu jibqa' jiġi sostnut u mirfud għal industrija ta' importanza nazzjonali li tinsab fi stat eżistenzjali prekarju. Safrattant il-pubblikaturi jridu jgħaġġlu l-proċess għall-online u l-bejgħ diġitali kemm jista' jkun malajr.

*Il-Kap Eżekuttiv tal-KNK*
Mark Camilleri






Sfortunatament l-industrija tal-kotba f'Malta hija fraġli minħabba l-limitazzjonijiet tas-suq innifsu, speċjalment dak tal-kotba ppubblikati bil-Malti. Minkejja dan, is-soċjetà tagħna żgur li ma tistax taffordja titlef l-opportunitajiet intellettwali, kulturali u edukattivi li l-industrija toffri. Għalhekk huwa vitali li nkomplu nissapportjaw lill-industrija biex terġa' tqum fuq saqajha u tibda tikber bil-mod. Għalina din hi ta' importanza nazzjonali.

Għalkemm is-suq mifni minn problemi strutturali serji, se nibqgħu nħambqu għall-qalba lejn l-online. Waħda mill-problemi hi l-monopolju li għandu Miller Distributors fuq il-pubblikaturi l-oħra. Dan qed itella' ħajt għal min irid jidħol fl-industrija bi ħwienet tal-kotba ġodda, inklużi dawk online. Jekk ma jkollniex ħwienet ġodda li jippromwovu kotba lokali, bis-saħħa ta' applikazzjonijiet fl-ismartphones u ħwienet online, se niffaċċjaw daqt sfida kbira biex is-suq online jikber. Kif naraha jien, jekk Miller ma jinvestix b'mod aggressiv fi pjattaformi ġodda biex ibigħ u jippromwovi kotba ppubblikati Malta, din l-esklużjoni se toħloq barrieri strutturali fit-tul f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir tal-industrija.

Id-dgħufija politika tal-pajjiż iggravat is-sitwazzjoni tal-kriżi. Dan żamm lura lill-KNK fil-proċess tal-qafas leġiżlattiv li kien ilu jaħdem fuqu mal-imsieħba tal-industrija.

Il-proċess reġa' qabad ir-ritmu lejn l-aħħar tas-sena. L-ewwel pass kien li jiġi ffirmat il-Kuntratt tal-Education Exception. Bdew ukoll diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar dwar riformi fid-drittijiet. Il-KNK abbozza u ppubblika fis-sħuħija tagħha r-riforma fid-Drittijiet tal-Awtur (Copyright) u jistenna li l-Gvern jaddottaha biex b'hekk tiġi trasposta d-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali. Fil-fatt, did-direttiva taffettwa speċifikament lill-industrija tal-pubblikazzjoni u l-Ministeru għall-Ekonomija jidhirli li ma jifhimx fis-suġġett. Qed nipproponu wkoll riforma legali tal-bord tad-drittijiet tal-awtur li bħalissa jaqa' taħt il-Ministeru għall-Ekonomija. Il-miżuri u l-liġijiet li qed iressaq il-KNK igawdu minn sapport b'saħħtu min-naħa tal-awturi u l-pubblikaturi hekk kif rappreżentati wkoll mill-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba. Dawn ir-riformi leġiżlattivi kienu r-riżultat ta' proċess leġiżlattiv konsultattiv li dam aktar minn sentejn u li wassal għall-ħolqien ta':

- Il-Kuntratt tal-Education Exception sabiex niġu naqblu mal-liġijiet tal-UE dwar l-użu tal-kotba fi skejjel pubbliċi.
- L-Att Parlamentari dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li xogħlu jikkonsolida l-awtonomija tal-KNK, jintroduċi lill-illustraturi bħala msieħba ġodda



fl-industrija u l-Kunsill tal-KNK, u jirregolarizza l-pożizzjoni tal-KNK bħala Soċjetà għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet (Collective Managment Organisation – CMO), irwol li diġà qed isir minnu.

- Ir-Riforma tad-Drittijiet tal-Awtur, li xogħolha tittrasponi d-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali.
- In-Notifika Legali dwar l-Inċentivi tat-Taxxa, li xogħolha ġġib il-ħlas tad-drittijiet tal-awturi (royalties) mhux taxxabbli, u fl-istess ħin tagħmel dawn l-istess drittijiet tal-awturi ekwivalenti għal ħlas 100% tat-taxxa lura lill-pubblikaturi.

Dawn ir-riformi legali neċessarji sabiex l-industrija tibqa' ħajja fi żminijiet turbulenti u tibda tikber, u fl-istess ħin tiġi konformi ma' regolamenti u standards Ewropej. Aktar minn hekk, il-KNK qed jitkellem mal-Università ta' Malta biex taddotta l-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (Public Lending Rights – PLR) għas-sezzjoni tal-Melitensia ħalli tiġi wkoll konformi mar-regoli tal-UE dwar il-PLR.

Dan kollu t'hawn fuq qed inwettquh fi żmien diffiċli b'mod effiċjenti biex nissapportjaw lill-industrija. Kien hemm bosta inizjattivi oħra, fosthom l-esportazzjoni letterarja, li kellhom jiġu posposti indefinittivament għax l-industrija tal-kotba theżżet prattikament kullimkien. Ipprogressajna bil-bosta fir-restawr tal-palazz Barokk tas-seklu 16 il-Belt Valletta, avolja ltqajna ma' intoppi esterni relatati mal-imxija. Beħsiebna nesegwixxu fl-2021 il-proġetti kollha li waqqafna fl-2020 billi nużaw il-fondi neċessarji li nkunu mexxejna għas-sena l-ġdida.

Fl-2020 komplejna nsaħħu t-tim tal-KNK billi daħħalna nies ġodda u għollejna l-grad lil bosta mill-ħaddiema tagħna. Inħatar Direttur Eżekuttiv ġdid li f'idejh għandu r-responsabbiltà tal-ħidma kollha tal-KNK. Dan jagħtini aktar ħin biex naħdem fuq il-politika u l-aspetti legali, fost affarijiet oħra. Qed nagħmel ħilti sabiex ngħaddi l-esperjenza u t-tagħlim li ħadt mill-industrija lill-kollegi tiegħi filwaqt li nissapportjahom kostantament.

Il-ġejjieni għandu miegħu sfidi mdaqqsin, iżda bis-sapport fejn hu meħtieġ mill-Gvern beħsiebna nterrqu dit-triq b'suċċess u b'kunfidenza. Huwa vitali li nevitaw l-istess żbalji li saru fl-imgħoddi ħalli l-industrija tikber u tkun aktar stabbli. M'aħniex protetti minn xokkijiet esterni ġaladarba ngħixu fl-istess dinja u fl-istess pajjiż, iżda nemmen li t-tama fil-futur tikber meta tgħaddi minn żmien ħażin bħalma kienet dis-sena u toħroġ minnu bejn wieħed u ieħor b'saħħtek.

**Il-ġejjieni għandu miegħu sfidi mdaqqsin, iżda bis-sapport fejn hu meħtieġ mill-Gvern beħsiebna nterrqu dit-triq b'suċċess u b'kunfidenza. Huwa vitali li nevitaw l-istess żbalji li saru fl-imgħoddi ħalli l-industrija tikber u tkun aktar stabbli.**

# *Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar premju letterarju prestiġġjuż li jingħata lil awturi, pubblikaturi u illustraturi għal kotba ppubblikati f'Malta s-sena ta' qabel. Il-kotba finalisti fid-disa' kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u s-sitta tal-Premju Terramaxka jintgħażlu minn bord indipendenti ta' aġġudikaturi li jsegwu regoli ta' trasparenza u ġustizzja.

Minħabba ċ-ċirkustanzi straordinarji, dis-sena ċ-ċerimonji tal-Premju Terramaxka u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb saru għall-ewwel darba online, u allura laħqu udjenza ferm usa' bis-saħħa tal-mezzi soċjali u s-sit tal-KNK. Iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kienet ippreżentata mill-preżentatur veteran tat-TV John Demanuele.

Bis-saħħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, il-KNK jixtieq jirringrazzja u jikkonferma xogħol il-pubblikaturi u l-awturi biex jgħollu l-profil tal-letteratura Maltija u l-pubblikazzjonijiet tar-riċerka. Fl-aħħar snin, il-premji monetarji żdiedu u kien hemm riformi fil-proċess aġġudikattiv. Dawn għenu biex l-istima lejn il-Premju togħla u biex ikun hemm aktar sottomissjonijiet. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2020 irċevew b'kollox 182 xogħol eliġibbli għall-kunsiderazzjoni. Minnhom kien hemm 68 ktieb finalist, li 21 minnhom kienu fit-Terramaxka.

Fl-2020 il-Premju għall-Poeżija nqasam fi tnejn – Poeżija bil-Malti u Poeżija bl-Ingliż. Il-premju prestiġġjuż għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura mar għand l-awtur u illustratur Trevor Żahra, filwaqt li Lara Calleja ħadet il-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti. Il-poeta John Aquilina rebaħ il-premju fil-kategorija tal-Poeżija bil-Malti bil-ktieb *Tluq* (Edizzjoni Skarta). Ġaladarba kien rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb lura fl-2011 bil-ktieb *Leħnek il-Libsa Tiegħi* (Edizzjoni Skarta), Aquilina ngħata l-Premju Poeta Lawreat 2020. L-ewwel persuna li rebħet dal-premju s-sena l-oħra kienet Maria Grech Ganado.

Il-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2020 huma r-rumanz *Il-Wiċċ l-Ieħor* (Horizons) ta' Ġorġ Peresso, il-ġabra ta' novelli *Għall-Glorja tal-Patrija!: Kapriċċi Patrijottiċi* (SKS Publishers) ta' Aleks Farrugia, u l-ktieb ta' drammi *Żewġ Drammi: Appuntamenti/ Repubblika Immakulata* (pubblikazzjoni tal-awtur) ta' Simone Spiteri. Fil-kategoriji tar-riċerka, il-ktieb *The Joannes Gennadius Maltese Treasure Trove in Athens* (Malta University Press) ta' Arnold Cassola rebaħ il-Premju għar-Riċerka Ġenerali u l-ktieb *Ir-Redentur: History, Art and Cult of the Miraculous Effigy of Christ the Redeemer at Senglea, Malta* (Midsea Books, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Isla) editjat minn Jonathan Farrugia rebaħ il-Premju għar-Riċerka Bijografika u Storjografika. Il-Premju għal-Letteratura mhux Fittizja ntrebaħ mill-ktieb *Murder on the Malta Express: Who Killed Daphne Caruana Galizia?* (Midsea Books Ltd.)

ta' Carlo Bonini, Manuel Delia u John Sweeney. *The Unreality of Realism: An Insular Perspective on the Development of Modern Art* miktub minn Giuseppe Schembri-Bonaci u ppubblikat minn Horizons rebaħ il-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra. Ma ngħatawx premji fil-kategoriji tat-Traduzzjoni u l-Poeżija bl-Ingliż.

Il-kotba li kkompetew fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tat-tfal u l-adolexxenti (il-Premju Terramaxka) ingħataw il-premju fil-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb f'Novembru tal-2020. Mill-2019 'il quddiem il-premji monetarji għolew: kull rebbieħ fil-kategoriji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, ħlief għal dawk tat-traduzzjoni, jingħata s-somma ta' €4,000.





Ir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti.

Minħabba ċirkustanzi straordinarji, iċ-ċerimonji tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb saru kollha online.




Il-Kap Eżekuttiv tal-KNK Mark Camilleri ma' Ġorġ Peresso, ir-rebbieħ tal-kategorija 'Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż'.



# *Il-Finalisti Kollha tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u t-Terramaxka 2020*

## Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2020

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Echoes - Distant Voices: Distant Lives** *ta' Lou Drofenik (Horizons)*
**Papa Aħmed** *ta' Joe Pace (Merlin Publishers)*
**Il-Wiċċ l-Ieħor** *ta' Ġorġ Peresso (Horizons)*
**O.B.E.** *ta' Rita Saliba (Klabb Kotba Maltin)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Għall-Glorja tal-Patrija!: Kapriċċi Patrijottiċi** *ta' Aleks Farrugia (SKS Publishers)*
**L-Aqwa Żmien** *ta' Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)*
**Bejn Bejnejn** *ta' Walid Nabhan (Klabb Kotba Maltin)*
**Ħal Maqtugħ u Kitbiet Oħra** *ta' John Spiteri Gingell (BDL Publishing)*
**Mill-Bieb 'il Ġewwa** *ta' Loranne Vella (Ede Books)*

Poeżija bil-Malti
**Tluq** *ta' John Aquilina (Edizzjoni Skarta)*
**Fuq Kaxxa tal-Birra Rasha 'l Isfel** *ta' Mario Cardona (Horizons)*
**Ħlief Memorji u Dellijiet** *ta' Andrew Debono Cauchi (Klabb Kotba Maltin)*
**Bejn Baħar u Baħar** *ta' Elizabeth Grech (Merlin Publishers)*
**Madwar Sagħtejn u Nofs 'il Bogħod mill-Ġenna** *ta' Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)*

Poeżija bl-Ingliż
**Lethe: A Rhapsody of Life Remembered** *ta' Louise Vella (Louise Vella)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
**L-Ispettur Bonnici: It-Triloġija** *ta' Mario Philip Azzopardi (Klabb Kotba Maltin)*
**Għaliex Commedia? Għaliex Malta? Kollezzjoni t'Erba' Fares tal-Commedia dell'Arte** *ta' Narcy Calamatta, Iggy Fenech (ed.) (Narcy Calamatta)*
**Żewġ Drammi: Appuntamenti/Repubblika Immakulata** *ta' Simone Spiteri (Simone Spiteri)*

Letteratura Mhux Fittizja
**Murder on the Malta Express: Who Killed Daphne Caruana Galizia?** *ta' Carlo Bonini, Manuel Delia, John Sweeney (Midsea Books Ltd.)*
**Tessie** *ta' Giola Cassar, Glen Calleja (Angela 'Giola' Cassar)*
**Fittxu l-Ewwel is-Saltna** *ta' Andrew Galea (ĊAK - Reliġjon u Ħajja)*

Traduzzjoni
**Mix-Xaqliba ta' Dar Swann: Imħabba ta' Swann** *ta' Paul Zahra (Paul Zahra)*

Riċerka Ġenerali
**Maltese Lace: History and Mystery: Four Centuries of Bizzilla** *ta' Consiglia Azzopardi (Kite Group)*
**Iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata: Storja, Arti, Personalitajiet** *ta' Eman Bonnici (Heritage Malta Publishing)*
**Navigating the Maltese Mediascape** *ta' Joe Borg, Mary Anne Lauri (Kite Group)*
**Dizzjunarju ta' Termini Nawtiċi u Tagħrif Ieħor Marittimu Lokali** *ta' Joseph Caruana (BDL Publishing)*
**The Joannes Gennadius Maltese Treasure Trove in Athens** *ta' Arnold Cassola (Malta University Press)*
**A Passage to Malta: The Health and Wellbeing of Foreign Children in Malta** *ta' Carmel Cefai, Moemi Keresztes, Natalie Galea Rachel Spiteri (Commissioner for Children)*
**Salt Pans in Malta** *ta' Pauline Dingli (SKS Publishers)*
**The Examined Life: Writings in Honour of Guido Lanfranco** *ta' Mark-Anthony Falzon (ed.) (Midsea Books Ltd.)*
**Maltese Archives... My Choice** *ta' Charles J. Farrugia (Miller Distributors Ltd.)***Quest for the Maltese Żaqq: A Lost Piping Tradition** *ta' Karl Partridge (Midsea Books Ltd., National Archives of Malta)*
**Examining an Examination** *ta' Doreen Spiteri (Merlin Publishers)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia 1797-1850: Raġel ta' Kultura u Qaddej tal-Patrija** *ta' David Agius-Muscat (Horizons)*
**Lord Strickland: Plots and Intrigue in Colonial Malta** *ta' Victor Aquilina (Kite Group)*
**Fuq il-Passi ta' Vassalli** *ta' Joseph P. Borg (Klabb Kotba Maltin, L-Akkademja tal-Malti)*
**Philip Calleja: Għex għall-Bniedem Maqlugħ minn Għeruqu** *ta' Charles Buttigieg (Klabb Kotba Maltin)*
**Pioneers of Modern Art in Malta Vol. 2** *ta' Joseph Paul Cassar (Heritage Malta Publishing)*
**Buttons Parade: Military and Civilian Uniform Buttons in Malta** *ta' Denis Darmanin, George Cassar (Kite Group)*
**Ir-Redentur: History, Art and Cult of the Miraculous Effigy of Christ the Redeemer at Senglea, Malta** *ta' Jonathan Farrugia (Midsea Books, Senglea Collegiate Chapter)*
**Knights at Sea: The Caravan Diaries** *ta' Thomas Freller (Midsea Books Ltd.)*
**The Sette Giugno in Maltese History 1919-2019** *ta' Henry Frendo (Midsea Books Ltd.)*
**The Unreality of Realism: An Insular Perspective on the Development of Modern Art** *ta' Giuseppe Schembri-Bonaci (Horizons)*
**Metal and Silence: The Quest for Daringness and Authority in the Arts** *ta' Giuseppe Schembri-Bonaci (Horizons)*

## Premju Terramaxka 2020

Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 0-7)
**Tikka Poeżija għall-1 u t-2 sena** *ta' Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Il-Lukanda ta' Martina** *ta' Antoinette Borg (Merlin Publishers)*
**Mikelin** *ta' Sandra Hili Vassallo (Merlin Publishers)*

Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 8-12)
**Arlekkin Isfar** *ta' Roberta Bajada (Merlin Publishers)*
**Nicky Farrugia: Ir-Raġel tal-Ħadid (Tikka Qari L13)** *ta' Antoinette Borg (Merlin Publishers)*
**Id-Dar ta' Faċċata** *ta' Carmel Borg (Merlin Publishers)*
**Irvin Vella Investigatur Virtwali (4): Il-Każ Stella Maris** *ta' John A. Bonello (Merlin Publishers)*
**L-Istorja ta' Seb it-Tieni (u ta' Seb l-Ewwel ukoll) (Tikka Qari L12)** *ta' Leanne Ellul (Merlin Publishers)*
**Noè u l-Iskojjattlu Bla Kwiet** *ta' Leanne Ellul, Stephanie Bugeja (Merlin Publishers)*
**Qabża f'Dinja Oħra mill-Klassi ta' Miss Ambrożja Pulis**
**Kiftaranipenġini** *ta' Audrey Friggieri (Merlin Publishers)*
**In-Nanna Se u l-Falkun taż-Żewġt Irjus** *ta' Kenneth Gauci (BDL Publishing)*
**In-Nanna Se u Trullu Trullu** *ta' Kenneth Gauci (BDL Publishing)*

Kotba Maqlubin Għall-Malti (Etajiet 0-7)
**Ottu Ma Jridx Jikber** *ta' Clare Azzopardi (trans.) (Merlin Publishers)*
**Busy Skola Mimlija Tħabrik** *ta' Joanne Micallef, Toni Aquilina (trans.) (Faraxa Publishing)*
**Busy Trakter Ħabrieki** *ta' Joanne Micallef, Toni Aquilina (trans.) (Faraxa Publishing)*
**Busy Żu Mimli Tħabrik** *ta' Joanne Micallef, Toni Aquilina (trans.) (Faraxa Publishing)*

Kotba Maqlubin Għall-Malti (Etajiet 8-12)
**Iċ-Ċkejken Prinċep** *ta' Clare Azzopardi (trans.) (Merlin Publishers)*
**Meta Mmur għand Sieħbi Carlos** *ta' Clare Azzopardi (trans.) (Merlin Publishers)*
**Vjola Ddur id-Dinja** *ta' Brian Buhagiar (trans.) (Merlin Publishers)*
**Sherlock, Lupin u Jien 1: Is-Sinjura s-Sewda** *ta' Dwayne Ellul (trans.) (Merlin Publishers)*
**Sherlock, Lupin u Jien 2: L-Aħħar Att fit-Teatru tal-Opra** *ta' Dwayne Ellul (trans.) (Merlin Publishers)*
**L-Ispettaklu Stupend Żanżan Kelma** *ta' Leanne Ellul, Clare Azzopardi (trans.) (Merlin Publishers)*
**Milied Imħawwad** *ta' Gorg Mallia (trans.) (Merlin Publishers)*

Kotba Maqlubin Għall-Malti (Etajiet 13-16)
**Żero** *ta' John A. Bonello (trans.) (Merlin Publishers)*

# *Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb*

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Il-Wiċċ l-Ieħor** *ta' Ġorġ Peresso (Horizons)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Għall-Glorja tal-Patrija!: Kapriċċi Patrijottiċi** *ta' Aleks Farrugia (SKS Publishers)*

Poeżija bil-Malti
**Tluq** *ta' John Aquilina (Edizzjoni Skarta)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
**Żewġ Drammi: Appuntamenti/Repubblika Immakulata** *ta' Simone Spiteri (Simone Spiteri)*

Letteratura Mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Murder on the Malta Express: Who Killed Daphne Caruana Galizia?** *ta' Carlo Bonini, Manuel Delia, John Sweeney (Midsea Books Ltd.)*

Riċerka Ġenerali
**The Joannes Gennadius Maltese Treasure Trove in Athens** *ta' Arnold Cassola (Malta University Press)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Ir-Redentur: History, Art and Cult of the Miraculous Effigy of Christ the Redeemer at Senglea, Malta** *ta' Jonathan Farrugia (Midsea Books, Senglea Collegiate Chapter)*

Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
**Horizons** *for* **The Unreality of Realism: An Insular Perspective on the Development of Modern Art** *ta' Giuseppe Schembri-Bonaci*

Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti
**Lara Calleja**

Premju Poeta Lawreat
**John Aquilina**

Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura
**Trevor Żahra**

---

# *Ir-Rebbieħa tat-Terramaxka*

Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 0-7)
**Mikelin** *ta' Sandra Hili Vassallo (Merlin Publishers)*

Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 8-12)
**L-Istorja ta' Seb it-Tieni (u ta' Seb l-Ewwel ukoll) (Tikka Qari L12)** *ta' Leanne Ellul (Merlin Publishers)*

Kotba Maqlubin Għall-Malti (Etajiet 0-7)
**Ottu Ma Jridx Jikber** *ta' Clare Azzopardi (trans.) (Merlin Publishers)*

Kotba Maqlubin Għall-Malti (Etajiet 8-12)
**L-Ispettaklu Stupend Żanżan Kelma** *ta' Leanne Ellul, Clare Azzopardi (trans.) (Merlin Publishers)*

Kotba Maqlubin Għall-Malti (Etajiet 13-16)
**Żero** *ta' John A. Bonello (trans.) (Merlin Publishers)*

** Ma kinux mogħtija premji għall-Poeżija bl-Ingliż, Traduzzjoni, u Xogħlijiet Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 13-16) tat-Terramaxka*

# *Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb*



Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb issa stabbilixxa ruħu bħala l-aktar avveniment prestiġġjuż u l-aħjar ċelebrazzjoni tal-ktieb f'Malta. Il-festival letterarju, organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jispikka fost l-oħrajn fil-kalendarju kulturali tal-ħarifa u jattira mal-40,000 viżitatur. Kull sena jipparteċipaw aktar minn 40 esebitur, u allura l-Festival joffri wkoll pjattaforma importanti għall-professjonisti fl-industrija tal-kotba.

Kburin ngħidu li f'ċirkustanzi normali jattendu madwar 40,000 persuna kull sena f'Dar il-Mediterran, maqsumin fuq il-ħamest ijiem tal-Festival. Ma' dawn żid l-eluf ta' studenti li jiġu filgħodu fost il-ġimgħa mill-iskejjel ta' Malta u Għawdex. Minħabba l-imxija, li aktar kmieni f'Marzu ġegħlitna nħassru l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 sar kollu online. Għal dan il-għan inħoloq programm speċjali ppakkjat attivitajiet li xorta waħda ġarrew l-istess sens ta' ġenjalità, skambju u kreattività lill-komunità li did-darba kienet akbar mill-eluf li jżuru l-Festival b'mod fiżiku.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 – edizzjoni virtwali seħħ bejn l-Erbgħa 11 u l-Ħadd 15 ta' Novembru, u fetaħ bħas-soltu biċ-Ċerimonja tal-Premju Terramaxka. Il-programm fis-sħuħija tiegħu kien fih ftit aktar minn sittin attività mifruxin fuq ħamest ijiem li jinkludu, fost oħrajn, tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba, laqgħat mal-awturi, gruppi ta' ħidma u diskussjonijiet, kif ukoll damma ta' attivitajiet għat-tfal. Kull attività fil-programm kienet organizzata mill-Kunsill Nazzjonal tal-Ktieb f'ħidma ma' numru ta' esebituri u msieħba oħra.

Il-mistieden speċjali għall-edizzjoni tal-2020 kien Sir Salman Rushdie, wieħed mill-aktar kittieba ċelebri ta' żminijietna. Huwa l-awtur ta' xogħlijiet meqjusa bħala klassiċi, ngħidu aħna *The Satanic Verses*, u x-xogħol ewlieni tiegħu fil-ġeneru tar-realiżmu maġiku *Midnight's Children* li bih rebaħ il-Booker Prize. Rushdie ngħaqad mar-rebbieħ tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura 2019, Dr Alfred Sant, f'konverżazzjoni li tmexxiet minn Prof. Clare Vassallo u li misset il-kisbiet, l-influwenzi u t-tħassib kurrenti ta' dawn iż-żewġ kittieba kbar u l-ambjent kulturali tagħhom.

Rushdie ħa sehem ukoll f'sessjoni diġitali ta' MuT (Mistoqsija u Tweġiba) diretta mal-qarrejja. Din tmexxiet minn Prof. James Corby u ġiet organizzata f'ħidma mal-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tad-Dipartiment tal-Ingliż (DESA).

Il-Festival kien jinkludi wkoll numru ta' diskussjonijiet tematizzati, bil-parteċipazzjoni ta' bosta awturi, pubblikaturi u tradutturi lokali u internazzjonali. 'Lil hinn mill-Fruntieri' laqqgħet flimkien lill-kittieb Iżraeljan Eran Katz; Katryna Storace, kofundatur ta' Praspar Press; l-awtur Walid Nabhan; il-pubblikatur Merlin Publishers; u t-traduttriċi Norveġiża Kristina Quintano. Id-diskussjoni rriflettiet fuq it-traduzzjoni letterarja bħala għodda vitali li tgħaqqad lill-bnedmin flimkien fi żmien meta ħajjitna u l-vjaġġi tagħha jinsabu mxekkla. 'Kliem il-Protesta', immoderata minn Dr Adrian Grima, eżaminat il-forom varji ta' espressjoni letterarja ta' protesta, u tkellmu fiha Karl Schembri, Nadia Mifsud Mutschler, Wayne Flask u l-fundatur ta' EDE Books Zvezdan Reljić.




Il-poster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 kien illustrat minn Moira Scicluna Zahra u Mark Scicluna, bid-disinn grafiku ta' Steven Scicluna.

Filgħodu fost il-ġimgħa, bħas-soltu, kien iddedikat għat-tfal u l-istudenti: did-darba kull attività maħluqa għalihom intbagħtet diretta fil-klassi. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu xows ibbażati fuq kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka u saru minn Antonella Axisa u l-grupp ta' atturi tagħha, filwaqt li oħrajn saru minn Danusan u kienu improvizzati f'postijiet madwar Malta. Kien hemm ukoll xow speċjali bl-Ingliż minn Eran Katz relatat ma' tekniki straordinarji

## Lista ta' parteċipanti fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 - Edizzjoni Virtwali

AVC
www.merlinlibrary.com

B.D.L. Books
www.bdlbooks.com/

Central Bank of Malta
www.centralbankmalta.org/the-library

EDE Books
www.edebooks.eu/bookstore/

Faraxa Publishing
www.faraxabooks.com/

Għaqda tal-Malti, Università
www.facebook.com/ghaqdamalti/

Heritage Malta Publishing
www.heritagemalta.org/book-buy/heritage-malta-publications/

Horizons
www.horizons.com.mt/

Istituto Italiano di Cultura
www.iicvalletta.esteri.it/iic_lavalletta/it/

Kite Group
www.kitegroup.com.mt/

Klabb Kotba Maltin / Midsea Books
www.midseabooks.com/books/

Mellieħa Local Council
www.mellieha.gov.mt/

Merlin Publishers
www.merlinpublishers.com/

Miller Distributors Ltd.
www.agendabookshop.com

Miranda Publishers
www.mirandabooks.com/

Octavo
www.octavo.app/en/store

Sensiela Kotba Soċjalisti (SKS)
www.skspublishers.com




Il-Festival kien iffilmjat fis-Sala Sagra Infermerija f'Dar il-Mediterran.

biex issaħħaħ il-qawwa tal-memorja. Kollha xxandru diretti mis-sit, mill-Youtube u mill-paġna tal-Facebook tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Ix-xows għat-tfal ixxandru wkoll fuq TVM u TVM2 f'kollaborazzjoni ma' PBS. Barra minn hekk, l-attivitajiet organizzati mill-KNK kienu xxerjati wkoll minn LovinMalta.

Bħala parti minn sforz sabiex l-istudenti u min jieħu ħsiebhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-esperjenza tax-xiri online tal-kotba, il-vawċer ta' €5 ntbagħat lill-aktar minn 10,000 student li ġie rreġistrat għall-Festival. Dawn il-vawċers setgħu jissarrfu għand kull pubblikatur li ħa sehem fil-Festival.

Il-programm kulturali kien jinkludi wkoll iċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premji tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2020 u l-premiere tal-film qasir dwar il-karriera letterarja ta' Dr Alfred Sant. Il-film sar minn Take//Two, u passa tul il-ħajja ta' Sant bis-saħħa ta' ħames xogħlijiet ewlenin tiegħu.

L-avvenimenti kollha tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 – edizzjoni virtwali jistgħu jinsabu online jew jintwerew mis-sit u l-Youtube tal-KNK. Dan kollu kien possibbli bl-għajnuna ta' min jieħu ħsieb is-sit tal-Kunsill u l-esperti tal-filming u l-mixing. Din l-ewwel edizzjoni virtwali tal-Festival għallmitna ħafna u żgur li se sservina għall-ġejjieni.



Il-Perello Suite f'Dar il-Mediterran kienet il-kamra li minnha sar ix-xogħol tekniku kollu biex il-Festival jintwera online.





Waħda mir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka, Sandra Hili Vassallo, waqt intervista ma' Antonella Axisa.






L-avvenimenti kollha tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 – edizzjoni virtwali jistgħu jintwerew mis-sit, il-Youtube u l-paġna tal-Facebook tal-KNK.

# *Il-Fond Malti tal-Ktieb*



Fl-2020, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb nieda edizzjoni mġedda tal-Fond Malti tal-Ktieb. Din l-inizjattiva, maħsuba apposta biex isseddaq it-tkabbir kulturali fis-suq lokali tal-kotba, ma twessgħetx biss fl-iskop iżda anki żdiedet fil-valur: minn €40,000 fl-2019 għal total ta' €105,000, li jinkludu żewġ kategoriji distinti għall-pubblikazzjonijiet u għat-traduzzjonijiet.

Il-Fond Malti tal-Ktieb huwa wieħed mill-pilastri tal-pjan tal-KNK għax-xena tal-pubblikazzjoni lokali. Sabiex nagħmlu tajjeb għall-effetti ħżiena li ċ-ċokon tal-industrija lokali jħalli fuq il-kapital disponibbli għar-riċerka u l-iżvilupp, u t-traduzzjoni u l-marketing, kif ukoll għall-vijabbiltà kummerċjali ta' ċerti pubblikazzjonijiet, bil-Fond nissapportjaw lill-awturi, it-tradutturi u l-pubblikaturi li jkollhom proġetti u inizjattivi ambizzjużi. Fl-istess ħin inkunu qegħdin ukoll ninċentivaw il-professjonaliżmu u l-innovazzjoni fil-qasam li jkun.

**Dis-sena l-Fond Malti tal-Ktieb, maħsub apposta biex iseddaq it-tkabbir kulturali fis-suq lokali tal-kotba, ma twessax biss fl-iskop iżda żdiedlu anki l-valur.**

Il-Fond fih żewġ tipi ta' għotjiet: tal-Pubblikazzjoni u tat-Traduzzjoni. L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni (baġit annwali ta' €50,000) jissussidjaw pubblikazzjonijiet ta' kwalità li għandhom valur kulturali, edukattiv u intellettwali għoli imma li, fil-kuntest tas-suq lokali, mhumiex meqjusa bħala kummerċjalment vijabbli u allura ma jiġux ippubblikati. Minn dis-sena l-fond jinkludi fih l-Għotjiet għat-Traduzzjoni li jilqgħu applikazzjonijiet għat-traduzzjoni ta' kotba Maltin f'ilsna oħra (baġit annwali ta' €40,000), jew it-traduzzjoni ta' xogħlijiet minn kwalunkwe lingwa għal dik Maltija (baġit annwali ta' €15,000).

Kull għotja tal-Fond Malti tal-Ktieb issegwi d-direzzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Ekonomiċi tal-Kittieba, u tista' tiffinanzja sa 100% tal-proġett imressaq, sa massimu ta' €5,000. L-għotjiet jingħataw lill-applikanti li jgħaddu minn fażi kompetittiva tal-aġġudikazzjoni b'suċċess.

Kien hemm 72 applikazzjoni eliġibbli għall-Fond Malti tal-Ktieb 2020 li daħlu fil-perjodu ta' bejn it-13 ta' April u t-30 ta' Ġunju. Il-bord tal-aġġudikazzjoni għal din l-edizzjoni tal-Fond kienu s-Sa Maria Giuliana Fenech, Prof. Joseph Eynaud u s-Sr Andrei Vella Laurenti, li taw il-fondi lil 26 proġett b'mod sħiħ jew parzjali.

L-amministraturi tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb josservaw il-progress tal-proġetti li jingħataw il-fondi sabiex jassiguraw li jsiru u li jimxu maż-żmien ta' 18-il xahar biex jitlestew mindu jiġi ffirmat il-kuntratt tal-benefiċjarju.

# *Proġetti magħżula – Il-Fond Malti tal-Ktieb 2020*

| Għotjiet għall-Pubblikazzjoni - Titlu tal-proġett | Applikant | Għotja |
|---|---|---|
| *Art Nouveau in Malta: Architecture in Malta during the InterWar Years 1920/30s* | Conrad Thake | €5,000 |
| *Scratches and God, and Some Lies - a study of Josef Kalleya's unpublished sketches* ta' Giuseppe Schembri Bonaci | Nicola Ann Petroni | €4,990 |
| Researched monograph: *Instrument Building and Musical Culture in Seventeenth-Century Malta* | Anna Borg Cardona | €5,000 |
| *The "Twin Fat Ladies" of Malta: Context and Symbolism of an Archaeological Sensation* | Veronica Veen | €5,000 |
| *Hans Stumme: Il-ħrejjef miġbura u testi oħra* | Joseph Mizzi (Klabb Kotba Maltin) | €5,000 |
| Pubblikazzjoni bil-kontribut ta' ħames awturi | Sandro Debono | €2,520 |
| *The Visual Culture of Death in Malta in a Time of Plague: 1675-1814* | Christian Attard | €5,000 |
| *Tattooing in Malta from the 18th to the 20th century* | Georgina Portelli | €5,000 |
| *Studji Estetiċi-Letterarji: Ġabra ta' Studji dwar l-estetika u l-letteratura Maltija* | Josette Attard | €2,500 |
| *Varjazzjoni tas-Skiet : ġabra ta' poeziji* | Nadia Mifsud | €5,000 |
| *Three award-winning plays by Vincent Vella* | David Bezzina (Horizons) | €2,450 |
| Editjar tar-rumanz *Frammenti* ta' Tyrone Grima | Chris Gruppetta (Merlin Publishers) | €2,540 |

| Għotjiet għat-Traduzzjoni - Titlu tal-proġett<br>*Kat 1 – Traduzzjonijiet mill-Malti* | Applikant | Għotja |
|---|---|---|
| Traduzzjoni għall-Armen ta' *Framed* ta' Maria Grech Ganado. | Hrant Aleksanyan (Vogi-Nairi Arts Centre) | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Għarbi tar-rumanz *Castillo* ta' Clare Azzopardi | Yehia Fekry (El Maraya for Cultural Production) | €5,000 |
| Traduzzjoni għat-Taljan ta' *Castillo* (Clare Azzopardi, Merlin, 2018) | Virginia Monteforte | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Ingliż ta' *Il-Kulur tal-Lellux* ta' Rita Saliba | Audrey Cassar (BDL Publishers) | €2,950 |
| Traduzzjoni għall-Ingliż ta' *Barabbas, the Author and the Prostitute* | Charles Casha | €4,980 |
| "The Wizard's Wonder" | Luisa Castorina | €3,603 |
| Traduzzjoni għas-Serb ta' *Madwar Sagħtejn u Nofs 'il Bogħod mill-Ġenna* ta' Immanuel Mifsud | Dejan Matic (Treci Trg) | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Ingliż ta' *Kulħadd Barra Fajża* ta' John P. Portelli | John Portelli | €3,120 |
| Traduzzjoni għall-Grieg u l-pubblikazzjoni ta' *Bejn Baħar u Baħar* ta' Elizabeth Grech (Merlin Publishers) | Nestoras Poulakos (Vakxikon Publications) | €5,000 |

| Għotjiet għat-Traduzzjoni - Titlu tal-proġett<br>*Kat 2. Traduzzjonijiet lejn il-Malti* | Applikant | Għotja |
|---|---|---|
| Traduzzjoni ta' *Concerto à la memoire d'un ange* (2010) u *Voyage au Pays des Arbres* (1978) | Claudine Borg | €2,710 |
| Traduzzjoni ta' *La Forma dell'Acqua* ta' Andrea Camilleri | Antoinette Borg | €4,928 |
| Traduzzjoni ta' *Othello* ta' William Shakespeare | Alfred Palma | €630 |
| Traduzzjoni ta' *Esercizi di Servizia e Seduzione* ta' Irene Chias | David Bezzina (Horizons) | €4,000 |
| Traduzzjoni ta' *La Chute* ta' Albert Camus | Toni Aquilina | €2,732 |

# *Esportazzjoni Letterarja*

Kull sena l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jiddedika ammont sinifikanti ta' riżorsi biex jikkuntrattwalizza ftehimiet, jiffaċilita l-esportazzjoni letterarja b'fondi diretti, kif ukoll jibgħat awturi Maltin barra minn Malta f'fieri u festivals letterarji. Minkejja r-restrizzjonijiet kbar fis-safar li l-imxija tal-Covid-19 ġabet magħha, fl-2020 il-KNK xorta rnexxielu jidħol għal proġetti ġodda ta' traduzzjoni u għamel kuntatti ġodda ma' msieħba internazzjonali, u dan bis-saħħa ta' promozzjoni fl-Ewropa, fid-dinja Għarbija u lil hinn.

L-industrija tal-pubblikazzjoni fil-pajjiżi li jitkellmu bl-Għarbi hija dinamika u waħda li l-KNK jara potenzjal fiha għax sa issa l-letteratura Maltija tradotta għall-Għarbi ntlaqgħet sewwa mill-udjenza. Għalhekk, kull sena, il-Kunsill ma jitlifx l-opportunità li jżur fieri internazzjonali ewlenin fir-reġjun sabiex jippromwovi l-letteratura Maltija, speċjalment il-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Fl-2020 ġew iffirmati ħames kuntratti għat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' rumanzi u poeżiji ma' pubblikaturi differenti: ġabra ta' poeżiji u ġabra ta' novelli ta' Immanuel Mifsud, ippubblikati ma' Bait el Yasmin u Masr El Arabia rispettivament; ir-rumanz *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Alex Vella Gera ma' Mahrousa Publishing; ir-rumanz *Rokit* ta' Loranne Vella ma' Noon Publishers; u ġabra ta' poeżiji ta' Gioele Galea ma' Manshurat Al Jamal li jippubblikaw ukoll fil-Ġermanja taħt it-titlu Al Kamel Verlag.

Xogħol il-proża huwa kollu ta' Walid Nabhan, li huwa ingaġġat mal-KNK fuq dax-xogħol fuq bażi part-time, u x-xogħol fuq il-poeżiji jsir minn Murad Shubert, poeta Marokkin li jikteb bil-Malti u bl-Għarbi.

Xi qxur ta' kotba Maltin ippubblikati barra minn Malta fl-2020.









*Fl-2020 il-KNK xorta rnexxielu jidħol għal proġetti ġodda ta' traduzzjoni u għamel kuntatti ġodda ma' msieħba internazzjonali, u dan bis-saħħa ta' promozzjoni fl-Ewropa, fid-dinja Għarbija u lil hinn.*




سوق كتاب صغيرة لكنها حيوية ومزدهرة

## صناعة النشر في مالطا.. أحلام تتخطى شواطئ الجزيرة

L-artiklu dwar il-letteratura Maltija u x-xogħol tal-KNK li deher f'Publisher's Weekly fl-Emirati Għarab Magħquda.












**Il-KNK jinvesti ħafna fit-traduzzjoni u l-esportazzjoni letterarja. Nemmnu li dan huwa vitali għal letteratura żgħira bħalma hi dik Maltija**





Il-KNK ippubblika wkoll artiklu ta' informazzjoni dwar xogħolna fid-dinja Għarbija, kif ukoll dwar xogħol il-Kunsill f'Malta, li deher fil-Publisher's Weekly tal-Emirati.

Wara li fl-2019 ġiet ippubblikata l-verżjoni Spanjola ta' *Trojan* ta' Alex Vella Gera fiċ-Ċilì, il-ktieb mexa wkoll f'żewġ pajjiżi fl-Amerka Latina. It-traduzzjoni Spanjola, xogħol Antoine Cassar, ġiet ippubblikata fl-Arġentina minn Blatt & Ríos u fil-Kolombja minn Libros del Fuego wara tnedija li saret f'Novembru tal-2020.

Fis-suq Ċiniż il-Kunsill iffirma kuntratt ma' Archipel Press minn Shanghai li se jippubblikaw il-ktieb ta' Lou Drofenik *The Confectioner's Daughter* bil-Mandarin. Il-kuntratt sar fi spirtu ta' skambju letterarju, u allura l-KNK se jkun qed jippubblika r-rumanz *Ya-Mark-Po* ta' Yin Jianling miċ-Ċiniż għall-Malti. Jianling hija kittieba famuża għal-letteratura tat-tfal fiċ-Ċina.

Tul l-2020 komplejna nsaħħu x-xogħol esportattiv tagħna, fosthom it-tiftix għal tradutturi tajbin f'lingwi ewlenin u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet relatati mas-sengħa tat-traduzzjoni waqt attivitajiet ewlenin tal-kalendarju tagħna, bħal waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus.

Il-Kunsill iwieżen ukoll b'mod sħiħ jew parzjali diversi proġetti ta' traduzzjoni u/jew pubblikazzjoni internazzjonali. L-aktar proġetti riċenti jinkludu l-iffinanzjar b'mod sħiħ tal-ewwel pubblikazzjoni tad-dar tal-pubblikazzjoni ġdida f'Londra, Praspar Press, li se tkun il-ġabra ta' novelli ta' Loranne Vella, *mill-bieb 'il ġewwa*, bl-Ingliż. Praspar Press twaqqfet minn żewġ kittieba Maltin ibbażati f'Londra – Jen Calleja u Katryna Storace – u l-għan tagħha hu li tippubblika letteratura Maltija bl-Ingliż. Fost l-oħrajn il-ħsieb hu li sal-aħħar tal-2021 tippubblika antoloġija ta' kitba ġdida minn Malta bl-Ingliż. Anki din l-antoloġija qed tiġi ssapportjata finanzjarjament mill-KNK.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-suq Taljan, il-KNK sponsorja t-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer ippubblikat minn Editore Morrone, u *Requiem for a Malta Fascist* ta' Francis Ebejer ma' Editore Bonfirraro. *The Confectioner's Daughter* ta' Lou Drofenik inqaleb għan-Norveġiż u ġie ppubblikat minn Quintano, filwaqt li ġie ffirmat kuntratt biex jinqaleb għall-istess ilsien ir-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji* ta' Walid Nabhan ma' Solum Bokvennen. Dan l-aħħar rumanz bħalissa qed jinqaleb għall-Ingliż, u mistenni jiġi ppubblikat minn Peter Owen għas-suq Ingliż fix-xhur li ġejjin.

Għal-London Book Fair li kellha ssir fi Frar 2020 iżda tħassret minħabba l-imxija, il-KNK kien ħa ħsieb jippubblika antoloġija ta' kitbiet fittizji (rumanzi u novelli) bl-isem ta' *Within the Conch*. Din l-antoloġija tgħin sabiex il-ħaddiema ta' Kunsill ikunu jistgħu jippromwovu u jbigħu l-letteratura Maltija lil pubblikaturi, tradutturi, edituri u aġenti letterarji barranin.

Is-sena l-oħra l-KNK kellu jirriorganizza l-pjanijiet tiegħu għas-safar. Jekk tneħħi l-Cairo International Book Fair, il-London Book Fair kienet l-ewwel appuntament annwali li kellu jitħassar, bħall-fiera ta' Frankfurt, Abu Dhabi, u Sharjah. Ladarba s-sitwazzjoni tas-safar tiġi għan-normal, ħerqana li nkomplu bix-xogħol relatat mal-esportazzjoni letterarja u l-organizzazzjoni ta' tnedijiet u attivitajiet oħra f'fieri tal-kotba strateġiċi madwar id-dinja.






Il-powster tat-tnedija online ta' *Trojan* ta' Alex Vella Gera f'Novembru tal-2020 fil-Kolombja minn Libros del Fuego.

Kotba Maltin maqlubin f'ilsna differenti jidhru fi stand waqt il-Cairo Book Fair fi Frar tal-2020.

# *Xogħol Audjoviżiv*

Is-sena 2020 kienet miżgħuda b'xogħol awdjoviżiv mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Komplejna bit-tielet sena ta' programmi fuq Radju Malta, ipproduċejna serje ġdida ta' poddati letterarji, ippreżentajna serje ta' dokudrama fis-sajf, u organizzajna l-ewwel Festival Nazzjonali tal-Ktieb virtwali li qatt sar.

Jekk se nitkellmu dwar il-programm tar-radju 'Taħt il-Qoxra', ippreżentat minn Rachelle Deguara, tellajna aktar minn 50 episodju li fih iltqajna ma' awturi ġodda u tkellimna magħhom dwar punti letterarji, soċjali, politiċi u estetiċi li jinsiltu mill-kitba tagħhom. Il-programm jixxandar kull nhar ta' Ħadd fis-19:15.

F'Ġunju ppreżentajna l-ewwel serje ta' poddati letterarji bl-isem ta' 'Kwarta Ktieb', li kkonsistiet f'qari minn kotba popolari u għenet biex nippromwovu l-letteratura ma' udjenzi usa' mill-pubbliku. Dawn l-ewwel għaxar episodji ħaduna ma' xogħlijiet letterarji mifruxin fuq kważi seklu ta' kitba, u fosthom inqraw siltiet minn xogħlijiet klassiċi bħal *In-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo, il-poeżija ta' Doreen Micallef, u oħrajn aktar riċenti bħal *What Happens in Brussels Stays in Brussels* ta' Ġużè Stagno u *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* ta' Immanuel Mifsud. Kull poddata, li kienet bejn wieħed u ieħor ħmistax-il minuta, inqrat minn awturi, atturi, u personalitajiet oħra minn setturi varji tal-arti. 'Kwarta Ktieb' saret bi sħab ma' MaltaToday u tista' tisma' l-poddati kollha fuq MaltaToday, Anchor u Spotify.

Is-serje ta' dokudrama, maqsuma fi tmien episodji, ixxandret minn Awwissu 'l quddiem bi programm kull ġimgħa fuq TVM, b'repetizzjoni fuq TVM2. Kull episodju kellu l-għan li jipprovdi lill-pubbliku fehim aktar profond tax-xogħlijiet ta' wħud mill-aħjar kittieba li għandna bħalissa. Dan sar billi kien hemm żewġ faċċati għal kull episodju: intervista b'mod naturali kemm jista' jkun mal-kittieb jew kittieba, imbagħad drammatizzazzjoni ta' xogħol jew parti minn xogħol tal-awtur jew awtriċi stess. Is-serje inkludiet episodji ma' Dr Alfred Sant, Loranne Vella, Immanuel Mifsud, Clare Azzopardi, Alex Vella Gera, Lou Drofenik, il-Poeta Lawreat Maria Grech Ganado, u Walid Nabhan.

'Storja ta' Storja' imbagħad hu proġett li sar wara li l-KNK ħareġ sejħa fl-2019 biex issir produzzjoni ta' serje ta' dokudrama li tippromwovi l-letteratura Maltija. Il-kumpanija tal-produzzjoni 'Sajjetta' ingħatat il-proġett ta' €80,000. Is-serje kienet diretta u addattata minn Charlie Cauchi u Martin Bonnici, u kien hemm anki xogħol Teodor Reljiç għall-iskript.

Ħidma oħra ma' MaltaToday saret f'Diċembru, li kienet tirrigwardja r-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Ipproduċejna serje ta' qari b'filmat ta' siltiet mill-kotba rebbieħa, u l-qari sar minn persuni fil-qasam tal-arti.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 – edizzjoni virtwali, ġie ffilmjat kollu f'Novembru f'Sala Sagra Infermerija f'Dar il-Mediterran, u ntwera dirett fuq Youtube u l-Facebook tal-KNK fl-ordni li dehret fil-programm tal-attivitajiet li ppubblikajna ġimgħat qabel. Kull attività li xandarna tista' tintwera mill-ġdid billi żżuru s-sit tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Minn dan kollu ma kien isir xejn li kieku ma kienx




hemm ħidma sfiqa u kollaborattiva bejn min jieħu ħsieb is-sit tal-Kunsill u min ħa ħsieb ix-xandir, l-iffilmjar u l-mixing.

Fl-2021 ħerqana sabiex naraw għall-ewwel darba l-addattament ċinematografiku tar-rumanz *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Alex Vella Gera, li bih kien rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fl-2013. Il-film sar wara sejħa fl-2019 għall-fond ta' €200,000, liema fond ingħata lill-kumpanija awdjoviżiva 'Shadeena'. L-iffilmjar, dirett minn Martin Bonnici, tlesta f'Settembru tal-2020.






Atturi u kittieba li ħdimna magħhom fil-proġetti awvjoviżivi tagħna. Skont l-arloġġ minn fuq għal isfel.






# *Konkorsi Letterarj Oħra*





## Il-Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ

Hekk kif bdiet l-2020, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb nieda edizzjoni oħra tal-Konkors ta' Kitba – Letteratura għaż-Żgħażagħ flimkien ma' Aġenzija Żgħażagħ. L-għan tal-konkors huwa li jagħti spinta lill-kitba għaż-żgħażagħ fis-suq lokali, jipprovdi letteratura ta' kwalità li ż-żgħażagħ jistgħu jsibu, u jħajjar aktar kitba ta' dal-ġeneru.

Il-Konkors isir kull sena sabiex jippremja rumanzi miktuba bil-Malti li jappellaw għaż-żgħażagħ billi jindirizzaw ir-realtajiet li jaffaċċjaw f'dal-perjodu tal-ħajja. Jimmira wkoll li jwessa' l-qari f'dal-ġeneru bis-saħħa tal-promozzjoni tiegħu ma' qarrejja ta' din l-età. Il-kriterji tal-aġġudikazzjoni jissodisfaw dak li hu meħtieġ għall-ġeneru – relevanza tat-temi għal dal-grupp ta' qarrejja, evidenza ta' kuxjenża soċjali, reġistru apposta, u djalogu li jikkonvinċi.

Għadd ta' awturi għamlu isem l-ewwel darba bis-saħħa ta' dal-konkors, fosthom Leanne Ellul, Rita Saliba, Stephen Lughermo, Simon Bartolo u Antoinette Borg. In-numru ta' sottomissjonijiet jikber kulma jmur.

Is-sejħa għas-sottomissjonijiet għalqet f'Settembru tal-2020, u b'kollox kien hemm sitt manuskritti. Il-manuskritt rebbieħ jitħabbar f'Jannar tal-2021. Ir-rebbieħ jintgħażel minn tliet aġġudikanti maħtura mill-KNK, u l-proċess tal-evalwazzjoni jsir mingħajr ma' dawn ikunu jafu min hu l-kittieb jew il-kittieba. Ir-rebbieħ jingħata l-premju ta' €1,000 u €2,000 oħra biex tiġi megħjuna l-pubblikazzjoni tal-ktieb. Ir-rebbieħ ikun mistenni li jiffinalizza kuntratt ma' pubblikatur tal-għażla tiegħu. Dal-proċess jgħin ukoll lill-kittieb jew kittieba sabiex jiffamiljarizza ruħu ma' kif tersaq lejn pubblikatur u toffrilu l-manuskritt tiegħek, u anki biex issir midħla tal-kuntrattwalizzazzjoni għall-pubblikazzjoni.

Normalment ir-rebbieħ tal-Konkors jintbagħat barra minn Malta biex jipparteċipa fi gruppi ta' eżerċizzji fil-kitba kreattiva, iżda minħabba l-imxija fl-2020, il-kittieba Josianne Block u Rita Saliba ma ntbagħtux għal dan l-avveniment, li kien se jsir l-Iżlanda.




Fl-2020 ġie ppubblikat minn Klabb Kotba Maltin 360° ta' Josianne Block, li rebħet il-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ 2017.

## Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef

Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef, imsemmi għall-poetessa ta' xogħlijiet spiritwali u romantiċi fi żmien il-Moviment Qawmien Letterarju, infetaħ fl-2019 bil-għan li jgħolli l-profil tal-poeżija f'Malta filwaqt li jiċċelebra l-kitba tajba tal-poeżija bl-ilsien Malti.

Il-konkors annwali miftuħ għal poeti ta' kull età, u jippremja tliet poeżiji waħedhom bil-Malti u mhux ippubblikati. Kull xogħol sottomess ma jridx jaqbeż is-36 vers, u jkun evalwat minn aġġudikanti li ma jkunux jafu min hu l-kittieb jew kittieba. L-edizzjoni tal-2020 fetħet f'Ġunju.

Ir-rebbieħa tħabbru waqt ċerimona speċjali ppreżentata minn Coryse Borg, u mxandra fil-programm tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 – edizzjoni virtwali. L-ewwel premju, li jġorr miegħu l-għotja ta' €1,000, mar għand Klara Vassallo bil-poeżija 'Dokumentazzjoni tal-Minuti Mnikkra Fik' li ntgħażlet minn total ta' 47 sottomissjoni eliġibbli. It-tieni premju ntrebaħ minn Louis Briffa bil-poeżija 'Tgħix Irridek', u t-tielet premju ngħata lil Jesmond Sharples għall-poeżija 'F'Posti'. Briffa u Sharples ingħataw vawċers biex jissarrfu f'kotba.

Il-ġurija għall-edizzjoni tal-2020 kienet magħmula minn Dr Immanuel Mifsud, Nadia Mifsud Mutschler u John Aquilina, li kollha raw il-poeżiji eliġibbli. Intalbu jħarsu lejn u jippremjaw l-awtentiċità, is-saħħa immaġinattiva, il-karattru distintiv tal-vuċi poetika, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit skont damma ta' kriterji. Karatteristiċi oħra bħar-reġistru, l-ortografija, il-grammatika, u l-impressjonijiet viżivi wkoll kellhom sehem importanti fl-evalwazzjoni.

Is-sejħa l-ġdida tiftaħ f'Ġunju tal-2021.

Klara Vassallo, ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2020, waqt il-ġbid taċ-ċerimonja li sar fil-Biblijoteka Nazzjonali.



# *Inizjattivi Oħra*



## Xogħol Leġiżlattiv

Mindu tlaqqgħu l-ewwel Kungress Nazzjonali tal-Kittieba u l-konsultazzjoni annwali mal-pubblikaturi u msieħba oħra fl-2019, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb beda l-proċess biex joħloq qafas leġiżlattiv għaż-żamma tal-istandards u l-medjazzjoni professjonali fl-industrija tal-pubblikazzjoni. Dal-proċess inzerta qed iseħħ fl-istess żmien meta l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħa r-riedni f'idejh bħala l-entità governattiva minn Malta li qed tieħu ħsieb li tinnegozja mal-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea biex tiddaħħal id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali.

Kien għalhekk li din is-sena l-Kunsill ippreżenta qafas leġiżlattiv imfassal fuq strateġija varjata sabiex jiġu introdotti standards bażiċi fl-industrija u fl-istess ħin jiġu trasposti l-proviżjonijiet legali tad-direttiva tal-UE.

Dal-qafas leġiżlattiv jinqasam f'4 partijiet;

1) In-notifika legali li tistabbilixxi lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bħala entità qed tiġġedded bħala Att Parlamentari sabiex tagħtih aktar awtonomija mill-poter politiku tal-gvern;

2) It-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali fil-liġi lokali. Bis-saħħa t'hekk jidħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' medjazzjoni u standards kuntrattwali ta' livell Ewropew fl-industrija lokali, tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' min għandu d-drittijiet artistiċi fil-każ ta' ksur tad-drittijiet diġitali u tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet kollettivi fuq problemi ta' drittijiet kummerċjali, u tassigura li pubblikaturi tal-istampa jkollhom id-drittijiet legali f'dak li għandu x'jaqsam mal-aħbarijiet online;

3) L-approvazzjoni tal-ftehim mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar l-Education Exception, sabiex min għandu d-drittijiet artistiċi jkun dovut lilu l-ħlas xieraq ta' dawn id-drittijiet meta xogħlu jintuża fis-sistema edukattiva pubblika, u sabiex f'dan kollu tiġi segwita d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali;

4) Inċentivi fiskali li jinkuraġġixxu lill-imsieħba fl-indistrija jimxu ma' standards professjonali, l-aktar meta niġu għall-ħlas tad-drittijiet lill-awtur li ma jkunux taxxabbli, u biex il-pubblikatur ikun jista' jitlob sa 200% rifużjoni tat-taxxa fuq id-drittijiet kollha mħallsa lill-awturi.

## Laqgħat ta' Konsultazzjoni Pubblika

Fi Frar tal-2020 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb laqqa' lill-imsieħba tiegħu fil-Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni Pubblika mal-Kittieba u l-Pubblikaturi fil-Grand Hotel Excelsior. Ippreżenta sommarju tal-attivitajiet li saru s-sena ta' qabel, u l-andament tas-suq tal-kotba f'dik is-sena. Imbagħad ġew ippreżentati l-pjanijiet tal-KNK għall-2020, u kien hemm diskussjoni dwar il-ġejjieni tal-Kunsill u tal-industrija lokali tal-kotba.

Il-laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika huma ta' interess għall-kittieba u għall-pubblikaturi, u jipprovdu opportunità lill-imsieħba kollha sabiex iresssqu l-ħsibijiet u t-tħassib tagħhom dwar l-industrija.

*Fl-2020 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stinka sabiex il-kontenut dwar il-§letteratura u l-pubblikazzjoni jkun aktar aċċessibbli, biex b'hekk jiġu megħjuna l-pubblikaturi u l-kmamar tal-midja*






L-iffirmar tal-Education Exception (mix-xellug għal-lemin): il-pubblikatur Chris Gruppetta, il-Ministru għall-Edukazzjoni l-On. Justyne Caruana, il-Kap Eżekuttiv tal-KNK Mark Camilleri, u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru Francis Fabri.

## Fondi Oħra

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sponsorja numru ta' pubblikazzjonijiet tul l-2020, fosthom għadd 39 ta' *Leħen il-Malti* maħruġ mill-Għaqda tal-Malti - Università, biex anki jiġu megħjuna gruppi universitarji. Iffinanzjajna wkoll il-*Malta Illustration Annual*, li fih ix-xogħol ta' xi illustraturi Maltin, għax nemmnu li l-industrija tal-pubblikazzjoni għandha tissapportjahom. Sponsorjajna parzjalment ukoll l-ewwel pubblikazzjoni ta' Lovin Malta, il-ktieb ta' tifkiriet ta' Daniel Holmes *A Memoir from Malta's Prison: From a Cage, on a Rock, in a Puddle*, bħala parti minn ftehim ta' reklamar għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.















## Miżuri ta' Sapport għall-Covid-19 u Kampanji Promozzjonali Oħra

L-għeluq ta' diversi ħwienet fl-ewwel nofs tal-2020 minħabba l-imxija għamilha diffiċli ferm għall-pubblikaturi u l-imsieħba l-oħra fl-industrija. Biex il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jgħin fis-sitwazzjoni tnedew għadd ta' miżuri, fosthom kampanji promozzjonali fuq il-midja tradizzjonali u online, u serje ta' xirjiet ta' emerġenza straordinarji mingħand il-pubblikaturi u d-distributuri lokali.

F'Marzu l-Kunsill xtara b'€10,000 f'kotba mingħand il-pubblikaturi ewlenin u dawk li jipparteċipaw ta' kull sena waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Dan irrepetih darbtejn oħra f'April u f'Mejju, did-darba b'€20,000 kull darba. Finalment f'Diċembru, u wara Festival li minkejja l-kontenut eċċellenti tiegħu ma seta' jikkompeti qatt ma' edizzjonijiet oħra f'termini ta' bejgħ ta' kotba, ġie deċiż li ssir xirja oħra ta' €100,000. B'hekk fl-2020 il-KNK xtara b'€150,000 f'kotba mingħand il-pubblikaturi, xi ħaġa li qatt ma kienet saret qabel.

Dawn il-kotba ngħataw bħala donazzjoni lil Malta Libraries li ħadu ħsieb iqassmuhom f'kull librerija pubblika f'Malta u f'Għawdex. Il-kotba mixtrija kienu jinkludu, fost oħrajn, rebbieħa mill-passat tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka. Il-Kunsill għamel donazzjoni oħra ta' kotba lill-Faċilità Korrettiva taż-Żgħażagħ (CoRRS) fl-Imtaħleb, li kienet tinkludi rumanzi, poeżiji u novelli bil-Malti u b'bosta lingwi oħra bħat-Taljan, il-Franċiż, l-Ispanjol u l-Ġermaniż, sa kotba oħra dwar il-politika, il-filosofija, l-edukazzjoni, l-istudji soċjali, l-arti u suġġetti oħra b'lingwi differenti.

Meta daħlu fis-seħħ il-miżuri tas-saħħa minħabba l-imxija, il-KNK nieda kampanja pubblika biex jiġi promoss il-qari u jiġi mwieżen il-bejgħ tal-kotba. Fil-kampanja 'Oqgħod ġewwa, Aqra ktieb' stedinna lin-nies jibagħtulna ritratt ta' ktieb li kienu qed jaqraw, u bgħatna wkoll fuljett f'kull dar li kien jinkludi informazzjoni dwar min huma l-pubblikaturi Maltin, x'tip ta' kotba jippubblikaw, imnejn tista' tixtri l-kotba tagħhom u x'servizzi online joffru.

Fil-bqija tas-sena kellna żewġ kampanji oħra: il-kompetizzjoni 'Irbaħ Ktieb Kuljum' u kampanja ta' ritratti ta' libreriji personali. Tal-ewwel għadha għaddejja sal-lum, u tinkludi mistoqsija kuljum dwar il-Letteratura Maltija u ktieb x'jintrebaħ mat-tweġiba t-tajba. Il-ħames rebbieħa jagħżlu ktieb rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jew tat-Terramaxka, u jitwasslilhom id-dar b'xejn. Tlabna wkoll lin-nies jibagħtulna ritratti tal-librerija personali biex nixxerjawhom fuq il-paġni tagħna.

Fil-Jum Dinji tal-Ktieb u d-Drittijiet u Jum il-Libreriji fit-23 t'April ħdimna ma' Rachelle Deguara u Jon Mallia biex ħloqna filmat promozzjonali fuq Lovin Malta dwar l-importanza tal-qari u l-letteratura bħala mezz biex jissaħħu r-rabtiet bejn in-nies, jitwessgħu l-orizzonti, u jiġu stimulati l-kreattività u t-tħaddim tal-moħħ.

Għall-Milied il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ta vawċer ta' €20 lil kull awtur irreġistrat fl-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR) biex jintnefaq online fuq pubblikazzjonijiet Maltin.

## Dun Karm f'Ħames Lingwi

Kompla x-xogħol biex il-KNK iżomm mal-wegħda elettorali tal-2017, jiġifieri li xogħol il-Poeta Nazzjonali Dun Karm jinqaleb f'ħames lingwi kbar. Il-lingwi magħżula huma l-Ingliż, it-Taljan, l-Għarbi, ir-Russu u ċ-Ċiniż. Ix-xogħol jinkludi t-traduzzjoni ta' 39 poeżija tal-poeta flimkien mal-poema *Il-Jien u Lilhinn Minnu*, editjata u mgħoddija mill-qari tal-provi minn persuna kwalifikata, b'kummentarju akkademiku u daħla kritika.

Ix-xogħol fuq il-verżjoni Taljana lest, u twettaq minn Prof. Joseph Eynaud, kif ukoll ix-xogħol fuq il-verżjoni Russa, li sar minn Yana Psaila. It-traduzzjoni għall-Ingliż ingħatat lil Prof. Clare Vassallo, u dik għall-Għarbi lil Walid Nabhan, u x-xogħol fuqhom riesaq lejn tmiemu. Il-KNK kommess li jinsab traduttur kompetenti għaċ-Ċiniż.

## Il-Preżenza Online ta' Kontenut Letterarju

Dis-sena l-KNK ħadem sabiex ikun hemm aktar kontenut letterarju aċċessibbli għall-pubbliku. Fost l-oħrajn tnediet paġna letterarja ta' kull nhar ta' Ħadd fil-gazzetta ILLUM, li mbagħad tiġi ppubblikata online wkoll fost il-ġimgħa. Il-paġna tinkiteb mit-traduttur u kittieb Kevin Saliba, li jifli kotba ġodda fis-suq lokali, jintervista awturi lokali, u jikteb ir-riflessjonijiet tiegħu dwar dak li qed jiġri fix-xena letterarja lokali b'referenza għal dak li qed jiġri fix-xena internazzjonali preżenti u anki mill-passat.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' kontenut bl-Ingliż, ħdimna mat-Times of Malta fuq intervisti ma' disa' awturi lokali kurrenti u mill-imgħoddi, fit-tentattiv li nagħtu stampa wiesgħa ta' xi nkiteb u x'qed jinkiteb. Dawn l-intervisti marru lil hinn mil-letteratura u messew oqsma politiċi, soċjali u kulturali. L-intervisti bdew f'April u baqgħu sejrin sa Ġunju, bil-mistiedna jkunu Alex Vella Gera, Walid Nabhan, Nadia Mifsud Mutschler, Karl Schembri, Ġużè Stagno, Clare Azzopardi, Louis Briffa, Alfred Sant u Oliver Friggieri, li ħalliena fix-xhur li għaddew. Mat-Times ukoll bdejna serje ta' artikli, wieħed fil-ġimgħa, li jkun fihom xi kelmiet dwar erba' kotba. L-għan hu li nippromwovu r-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u kotba ewlenin oħra.

## Ix-Xogħol fuq ir-Restawr tal-Mużew Letterarju

Fl-2020 kompla x-xogħol għar-riġenerazzjoni ta' palazz Barokk tas-seklu 16 li ngħata lill-KNK biex jibdlu f'mużew tal-letteratura, ħanut tal-kotba li se jkun qed jaqdi l-funzjoni ta' aġent letterarju, u l-uffiċini tal-ħaddiema tal-KNK.

Wara li tneħħew xi strutturi perikolużi u ġew irrestawrati t-travi tal-injam u s-soqfa aktar kmieni dis-sena, inħareġ u ngħata tender għax-xogħol ta' restawr tal-faċċata tal-palazz u l-ħitan tal-bitħa. Dax-xogħol għandu jitlesta fit-tieni kwart tal-2021.

Il-fażi ta' restawr tal-proġett għandha titlesta s-sena d-dieħla, inkluż ir-restawr tal-affreski tal-ħitan interni, u l-bidu ta' xogħol strutturali.

# *Rapport Finanzjarju*

## *Dħul*

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Bilanċ miġjub mill-2019 | | | |
| Kontanti | | | 22.15 |
| Bank | | | 400,337.31 |
| Fondi Governattivi (Rikurrenti) | | | 1,010,000.00 |
| Fondi Governattivi (Kapitali) | | | 400,000.00 |
| Programmi mal-PBS | | | 8,605.00 |
| Servizzi tal-ISBN u l-ISMN | | | 180.00 |

## *Ħruġ*[1]

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb** | | | |
| Kuntrattur għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 2,525.20 | | |
| Inizjattivi kulturali u spejjeż oħra | 49,682.37 | | |
| Spejjeż tax-xogħol | 2,853.75 | | |
| Kiri tal-MCC għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 24,774.36 | 79,835.68 | |
| Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus | | 3,862.69 | |
| **Premji Nazzjonali tal-Ktieb** | | | |
| Trofej | 2,206.60 | | |
| Premji fi ħlas għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb | 57,999.00 | | |
| Ħlas lill-aġġudikanti | 11,700.00 | 71,905.60 | |
| **Parteċipazzjoni f'fieri tal-kotba barra minn Malta** | | | |
| London Bookfair | 29,573.36 | | |
| Cairo Bookfair | 2,208.10 | 31,781.46 | |

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Safar fuq xogħol | | 3,913.45 | |
| Xiri ta' kotba | | 164,917.19 | |
| Proġetti ta' esportazzjoni letterarja | | 65,733.77 | |
| Fond għall-Addattament Ċinematografiku | | 140,000.00 | |
| Il-Proġett ta' Dun Karm | | 19,000.00 | |
| Spejjeż operazzjonali | | 24,802.10 | |
| Programmi tat-TV u r-radju | | 3,013.00 | |
| Ħlasijiet tax-xogħol | | 33,563.58 | |
| Attivitajiet kulturali oħra | | 9,095.84 | |
| Korsijiet | | 1,475.00 | |
| Markitjar | | 82,600.56 | |
| Għamara | | 2,360.33 | |
| Apparat ieħor | | 475.00 | |
| Spejjeż oħra | | 416.41 | |
| Ħlasijiet professjonali | | 29,178.97 | |
| Ħlasijiet ta' sħubija | | 1,134.00 | |
| Konċessjonijiet għal proġetti li jaqgħu taħt il-Fond Malti tal-Ktieb | | 59,400.00 | |
| Ħlasijiet bankarji | | 585.23 | |
| Ħlasijiet għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR) | | 40,000.00 | |
| **Ir-restawr tal-palazz [2]** | | | |
| Xogħlijiet restawrattivi | | 464,611.22 | |
| **Bilanċ miġjub mis-sena** | | | |
| Kontanti | | 34.52 | * |
| Bank | | 485,448.86 | * |
| | | 1,819,144.46 | **1,819,144.46** |

*NB: [1] Spejjeż rikurrenti*
*[2] Spejjeż kapitali*
** Il-bilanċi pendenti jimxu kollha għall-2021*

# ISBN u ISMN



| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-498-6 | Il-linja l-ħadra (ebook) | Clare Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-499-3 | Kulħadd ħalla isem warajh (ebook) | Clare Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-500-6 | L-interdett taħt is-sodda (ebook) | Clare Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-501-3 | Alicia titkellem mill-imwiet (ebook) | Mario Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-502-0 | L-aħħar ġranet ta' Ciorni (ebook) | Mario Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-503-7 | Deformity (ebook) | Simon Bartolo | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-504-4 | Sqaq l-infern (ebook) | Simon Bartolo, Loranne Vella | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-505-1 | Wied Wirdien (ebook) | Simon Bartolo, Loranne Vella | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-506-8 | Il-ġnien tad-dmugħ (ebook) | Simon Bartolo, Loranne Vella | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-507-5 | It-tielet qamar (ebook) | John A. Bonello | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-508-2 | L-aħħar ħolma (ebook) | John A. Bonello | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-509-9 | Is-sitt aħwa (ebook) | John A. Bonello | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-510-5 | Fil-mergħat tal-impossibbli (ebook) | John A. Bonello | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-511-2 | Volens (ebook) | Mark Camilleri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-512-9 | Prima facie (ebook) | Mark Camilleri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-513-6 | L-aħħar tlettax (ebook) | Ivan de Battista | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-514-3 | Xi mkien ieħor (ebook) | Lisa Falzon | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-515-0 | Six-pack u Sonża (ebook) | Donovan Gatt | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-516-7 | Il-ġurament tal-ħatra (ebook) | Lawrence Gatt | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-517-4 | Il-poeta (ebook) | Philip M. Magri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-518-1 | Riħ isfel (ebook) | Pierre J. Meilak | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-519-8 | Qed nistenniek nieżla max-xita (ebook) | Pierre J. Meilak | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-520-4 | Dak li l-lejl iħallik tgħid (ebook) | Pierre J. Meilak | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-521-1 | Naħqa ta' ħmar (ebook) | Raymond Muscat | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-522-8 | It-tielet teorija (ebook) | Joe Pace | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-523-5 | Two (ebook) | Teodor Reljić | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-524-2 | Inbid ta' kuljum (ebook) | Ġużè Stagno | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-525-9 | Xemx, wisq sabiħa (ebook) | Ġużè Stagno | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-526-6 | Ramon u ż-Żerbinotti (ebook) | Ġużè Stagno | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-527-3 | What happens in Brussels stays in Brussels (ebook) | Ġużè Stagno | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-528-0 | Is-sriep reġgħu saru velenużi (ebook) | Alex Vella Gera | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-529-7 | Magna™ Mater (ebook) | Loranne Vella | Merlin Publishers Ltd |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-530-3 | X'seta' ġralu lil Kevin Cacciattolo? (ebook) | Mark Vella | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-531-0 | Lubien (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-532-7 | Provenz (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-533-4 | Il-ġenn li jżommni f'sikkti (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-534-1 | 15-il numru (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-535-8 | Sepja (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-536-5 | It-8 kontinent (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-537-2 | Penumbra (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-538-9 | The secret life of Nanna Ġenoveffa (ebook) | Trevor Zahra; Rose Marie Caruana (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-539-6 | Il-ħajja sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa (ebook) | Trevor Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-844-1 | Niskopru d-draguni | Katherine Quénot, Noel Tanti (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-845-8 | Amazing Maltese women | Kristina Chetcuti; Marisa Attard (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-846-5 | L-inventarju tal-kamra l-kaħla | Leanne Ellul | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-847-2 | Ġanni jżur Ruma | Sherise Zammit; Noemie Gionet Landry (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-848-9 | Il-familja Fratterija u d-dar li tagħtas | Kari Smeland; Simone Inguanez (trans.); Francesca Grech (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-849-6 | Kelma għal kelma : teżawru tematiku Malti | Dwayne Ellul | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-850-2 | Noti mal-fanal | David Aloisio | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-851-9 | Kissirtu kullumkien | Lara Calleja | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-852-6 | Ors fl-ispazju | Deborah Abela; Clare Azzopardi (trans.); Marjorie Crosby-Fairall (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-853-3 | L-aħħar sajf ta' Berlin | Federico Buffa, Paolo Frusca; Mark Vella (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-854-0 | Tikka Malti 6a | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-855-7 | Tikka Malti 6b | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-856-4 | Enya l-aljena ... reġina b'kumbinazzjoni! (Tikka qari livell 7) | Audrey Friggieri; Romont Willy (ill.) | Merlin Publishers Ltd |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-857-1 | It-tifel li salva d-dinja (Tikka qari livell 12) | Karl Schembri; Alice Samuel (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-858-8 | Il-mostru tal-bajja tal-Ġnejna (Tikka qari livell 14) | Leanne Ellul; Maxime Lebrun (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-859-5 | Stellini kursar Malti (Tikka qari livell 14) | Dwayne Ellul; Moira Scicluna Zahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-860-1 | Tara Frendo fuq il-pjaneta Sturja (Tikka qari livell 15) | Antoinette Borg; Nicole Diacono (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-861-8 | Tikka poeżija għall-ħames u s-sitt sena | Clare Azzopardi; José Luís Ocaña (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-862-5 | Baħar il-mewt u reċti żgħar oħra | Mario Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-863-2 | Ħadd ma jista' jisgħol jew jagħtas fil-pubbliku | Trevor Żahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-864-9 | Sal-quċċata tal-Everest (ebook) | Marco Cremona, Glen Calleja | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-865-6 | Fittixni (ebook) | Antoinette Borg | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-866-3 | Vespri (ebook) | Trevor Żahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-867-0 | Castillo (ebook) | Clare Azzopardi | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-868-7 | Nex (ebook) | Mark Camilleri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-869-4 | Vandalism (ebook) | Lizzie Eldridge | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-870-0 | Il-pjan sigriet ta' Eduardo | Rita Rugeroni; Antoinette Borg (trans.); Pedro Benvindo (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-871-7 | Ġojjel fl-iskola tal-mostri | Laurent Souillé, Olivier Souillé; Clare Azzopardi (trans.); Jérémie Fleury (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-872-4 | Ġojjel u l-gżira tal-għeġubijiet | Laurent Souillé, Olivier Souillé; Clare Azzopardi (trans.); Jérémie Fleury (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-873-1 | Mustaċċi ma jidħaqx bih! | Armelle Renoult; Clare Azzopardi (trans.); Mélanie Grandgirard (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-874-8 | U kemm se tirrabja, Ester? | Emmanuelle Cabrol, Clare Azzopardi (trans.); Olga Demidova (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-875-5 | Lupu Lupettu jfittex maħbuba | Orianne Lallemand; Clare Azzopardi (trans.); Éléonore Thuillier (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-876-2 | Lupu Lupettu jrid isir artist | Orianne Lallemand; Clare Azzopardi (trans.); Éléonore Thuillier (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-877-9 | Lenard il-papru tad-daħq | Yann Walcker; Clare Azzopardi (trans.); Juie Mercier (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-878-6 | Jien, wieħed minnhom (ebook) | John A. Bonello | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-879-3 | Lucy min? (ebook) | Lara Calleja | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-880-9 | Kapitali (ebook) | Wayne Flask | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-881-6 | Il-manifest tal-Killer | Karl Schembri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-882-3 | Amina (ebook) | Antoinette Borg | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-883-0 | Gramma (ebook) | Leanne Ellul | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-886-1 | (Ri)ġenerazzjoni (ebook) | Antoinette Borg | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-887-8 | Rokit (ebook) | Loranne Vella | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-888-5 | Stessi (ebook) | Matthew Schembri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-889-2 | Termini u kundizzjonijiet japplikaw (ebook) | Roberta Bajada | Merlin Publishers Ltd |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-890-8 | Jacob: my titanium man (ebook) | Sarah Cachia, Kristina Chetcuti | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-891-5 | Bizzilla (ebook) | Trevor Żahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-892-2 | Suq għax dalam (ebook) | Joe Pace | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-893-9 | Ħija jiġri wara d-dinosawri | Giacomo Mazzariol; Ludvic Azzopardi Ferrando (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-894-6 | Il-kreatura tal-bir | Simon Bartolo; José Luis Ocaña (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-895-3 | Having said goodnight (ebook) | Pierre J. Mejlak; Antoine Cassar, Clare Vassallo (trans.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-896-0 | Ir-rota daret dawra (kważi) sħiħa (ebook) | Nadia Mifsud | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-897-7 | Il-wied tal-lupu l-aħmar (Is-sħaħar ta' Petut 2) | Clare Azzopardi; Deandra Scicluna (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-898-4 | Irvin Vella investigatur virtwali: Il-każ tal-maħżen mitluq | John A. Bonello; Lisa Falzon (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-899-1 | Mal-fanal hemm ħarstek tixgħel (ed. 2020) | Olivier Friggieri | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-900-4 | Tal-forn | Noel Tanti; Matt Stroud (ill.) | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-901-1 | Ikel (Leħħiet) | Rachel Portelli | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-902-8 | Ħwejjeġ u ġugarelli (Leħħiet) | Rachel Portelli | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-903-5 | Aqtagħli kurżità (Leħħiet) | Sherise Zammit | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-904-2 | Ibni sentenzi (Leħħiet) | Sherise Zammit | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-1-905-9 | Sempreviva | Trevor Żahra | Merlin Publishers Ltd |
| 978-99909-3-215-7 | The Times picture annual 2019 | Matthew Mirabelli (ed.) | Allied Publications |
| 978-99909-44-81-5 | Hemm art fil-folja ... | MATSEC Support Unit | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-83-9 | In-nisġa tal-ħsieb Vol. 2 (It-2ni ed.) | Joe Friggieri | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-84-6 | Cervantes in Malta | Carmel Vassallo, Others | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-54-85-2 | Via Sagra | Preca Publications | Preca Publications |
| 978-99909-54-86-9 | Urgings of the heart | George Preca | Preca Publications |
| 978-99909-54-87-6 | Mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn : inkunu missjunarji fid-dinja tal-lum | Papa Franġisku, Gianni Valente | Preca Publications |
| 978-99909-54-88-3 | That Jesus be known and loved | George Preca | Preca Publications |
| 978-99909-54-89-0 | It-tentazzjoni u d-dixxerniment | Segundo Galilea; Soċjetà tad-Duttrina Nisranija | Preca Publications |
| 978-99909-54-90-6 | It-tfal huma tama | Papa Franġisku; Soċjetà tad-Duttrina Nisranija | Preca Publications |
| 978-99909-54-91-3 | Għaxra żgħar imma kbar | Robert Aloisio | Preca Publications |
| 978-99909-85-70-2 | The historic chapels of Malta & Gozo 360° - 2 Volume Set | Joseph F. Grima; Enrico Formica (photo.) | Miranda Publishers |
| 978-99909-89-59-5 | National Commission for the Promotion of Equality annual report 2019 | National Commission for the Promotion of Equality | National Commission for the Promotion of Equality |
| 978-99932-7-750-7 | BOV exhibitions : Celia Borg Cardona | Francesca Balzan (curator) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-751-4 | Princess Poutiatine and the art of ballet in Malta (hbk.) | Kathrina Farrugia-Kriel (ed.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-752-1 | Crux Invicta : il-kurċifiss mirakoluż u l-Kappuċċini f'Għawdex (hbk.) | Martin Micallef; Charles P. Azzopardi (photo.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-753-8 | Sejjieħ il-ħsieb : limitu u ħelsien | John Baldacchino | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-754-5 | The Addolorata Cemetery (hbk.) | Conrad Thake (ed.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-755-2 | Malta : land of sea (2nd. ed.) | Sandro Debono (ed.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-7-756-9 | Mid-dinja ċkejkna tiegħi : Għawdxin li għadna niftakru (hbk.) | Pawlu Mizzi | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-757-6 | Il-Maltin : għemilhom, drawwiethom, ġrajjiethom Vols 1-2 (hbk.) | Steve Borg | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-758-3 | Malta and Mediterranean prehistory | Nicholas C. Vella, Andrea Pessina | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-759-0 | 360° | Josianne Block | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-760-6 | MittKelma | Rita Saliba | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-761-3 | Il-Malti : ħarġa akkademika | Akkademja tal-Malti | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-762-0 | XitaSkiet (ed.reveduta u miżjuda) | Victor Fenech | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-763-7 | Proceedings of the First International Conference on Aviation Archaeology and History : Malta - November 2017 | Timmy Gambin, Adrian P. Hunt (eds.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-764-4 | Indur mal-ħin | Dorienne Catania | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-765-1 | Ruħu dejjem tfittex : Charles Casha, mgħallem għalliel (hbk.) | Charles Briffa | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-766-8 | Bil-kelma t-tajba  prinċipji u kreattività fil-pedogoġija tal-lingwa | Antoinette Camilleri Grima | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-767-5 | Jien - noti - jien : ħsejjes u stejjer | Immanuel Mifsud, Toni Sant | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-768-2 | Għoljiet u stejjer oħra | Maurice Cauchi | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-769-9 | L-għasfur tal-kwiekeb | Charles Casha, Matthew Stroud (des.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-770-5 | Mitt ruħ : mikrostejjer dwar nies li jistgħu jkunu vera (pbk.) | Ġorġ Mallia | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-771-2 | Diaspora : Maltese overseas settle-ments | Henry Frendo | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-772-9 | Il-lanza msaħħra | Saviour Pirotta, Noel Tanti | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-773-6 | Is-sessiżmu fil-lingwa Maltija | George Farrugia (ed.) | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-774-3 | Mattia Preti : life and works (hbk.) | Keith Sciberras | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-775-0 | Mitt ruħ : mikrostejjer dwar nies li jistgħu jkunu vera (hbk.) | Ġorġ Mallia | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-776-7 | Albert Ganado : ħajja mhux tas-soltu | Austin Sammut, Sergio Grech | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-777-4 | Is-sriep ta' ħafna rjus | Josette Grech | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-778-1 | Siġar | Terence Portelli, Herman Hesse | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-779-8 | Justice for Daphne is justice for our right to know | Occupy Justice | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-780-4 | Il-ħobż tal-Malti | Pawlu Mizzi | Klabb Kotba Maltin/Midsea Books Ltd |
| 978-99932-15-04-2 | Skeletons in the cupboard Vol. 1 | Anton Mifsud | Prehistoric Society of Malta |
| 978-99932-15-05-9 | Skeletons in the cupboard Vol. 2 | Anton Mifsud | Prehistoric Society of Malta |
| 978-99932-15-06-6 | Skeletons in the cupboard Vol. 3 | Anton Mifsud | Prehistoric Society of Malta |
| 978-99932-15-07-3 | Skeletons in the cupboard Vol. 4 | Anton Mifsud | Prehistoric Society of Malta |
| 978-99932-15-08-0 | Skeletons in the cupboard Vol. 5 | Anton Mifsud | Prehistoric Society of Malta |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-17-65-7 | L-istorja tal-Partit Laburista (1940-1960) It-2ni Ktieb | Francis Galea | Sensiela Kotba Soċjalisti |
| 978-99932-48-18-7 | Simonds Farsons Cisk plc annual report 2019/2020 | Farsons Foundation | BPC International Ltd |
| 978-99932-49-62-7 | Kelma ta' ħabib : id-diskorsi ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fis-snin 2018-2019 | Charles J. Scicluna | Uffiċċju Komunikazzjoni , Kurja tal-Arċisqof |
| 978-99932-53-32-7 | The future of (multilateral) diplomacy? Changes in response to COVID-19 and beyond | Katharina E. Höne | Diplo Foundation |
| 978-99932-57-78-3 | Tesserae : the Heritage Malta bullettin, Issue 9, Autumn 2019 | Margaret Abdilla Cunningham, James Licari, Maria Micallef, Godwin Vella (eds.) | Heritage Malta |
| 978-99932-57-79-0 | Colouring Malta and Gozo: country and seaside views | Godwin Vella (ed.); Kimberley Azzopardi (ill.) | Heritage Malta |
| 978-99932-57-80-6 | Tesserae : the Heritage Malta bullettin, Issue 10, Spring 2020 | Margaret Abdilla Cunningham, James Licari, Maria Micallef, Godwin Vella (eds.) | Heritage Malta |
| 978-99932-57-81-3 | Life with Tusk | Margaret Abdilla Cunningham (text); Kimberley Azzopardi (ill.) | Heritage Malta |
| 978-99932-59-40-4 | Ready, Study Science 4A | Judith Smith, Rebecca Zammit | Schola Publications |
| 978-99932-59-42-8 | Ready, Study Science 4B | Judith Smith, Rebecca Zammit | Schola Publications |
| 978-99932-59-43-5 | Ready, Study Science 5A | Judith Smith, Rebecca Zammit | Schola Publications |
| 978-99932-59-44-2 | Ready, Study Science 5B | Judith Smith, Rebecca Zammit | Schola Publications |
| 978-99932-59-45-9 | Number Wise textbook 4a | Lorraine Vella, Kenneth Debono, Sara Debono | Schola Publications |
| 978-99932-59-46-6 | Number Wise textbook 4b | Lorraine Vella, Kenneth Debono, Sara Debono | Schola Publications |
| 978-99932-59-55-8 | Number Wise workbook 3b | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-56-5 | Malti.F It-3 tarġa A | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-57-2 | Malti.F It-3 tarġa B | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-58-9 | Malti.F Ir-4 tarġa A | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-59-6 | Malti.F Ir-4 tarġa B | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-60-2 | English R to 6 reception | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-61-9 | English R to 6 workbook 1A | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-62-6 | English R to 6 workbook 1B | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-63-3 | English R to 6 workbook 2A | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-64-0 | English R to 6 workbook 2B | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-65-7 | Malti.F Il-5 tarġa A | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-66-4 | Malti.F Il-5 tarġa A | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-59-67-1 | Malti.B L-1 tarġa A | Antoinette Camilleri Grima, Raisa Abela, Mandy Davidson, Michelle Pace Moore | Schola Publications |
| 978-99932-59-68-8 | Malti.B L-1 tarġa B | Antoinette Camilleri Grima, Raisa Abela, Mandy Davidson, Michelle Pace Moore | Schola Publications |
| 978-99932-59-69-5 | Number Wise workbook 4a | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-70-1 | Number Wise workbook 4b | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-71-8 | Number Wise workbook 1a (2nd ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-72-5 | Number Wise workbook 1b (2nd ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-73-2 | Number Wise workbook 2a (2nd ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-74-9 | Number Wise workbook 2b (2nd ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-75-6 | Malti.P Il-5 tarġa (It-2ni ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-76-3 | Malti.P Is-6 tarġa (It-2ni ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-77-0 | English R to 6 workbook 3A | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-78-7 | English R to 6 workbook 3B | Stephanie Ellul, Elizabeth Chetcuti | Schola Publications |
| 978-99932-59-79-4 | Number Wise textbook RAP 6 (2nd ed.) | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-80-0 | Number Wise textbook RAP 5 | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-81-7 | Number Wise textbook RAP 4 | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-82-4 | KY Maths 3 (3rd ed.) | Aaron J. Grech, Robert Pawley, Charlene Debrincat | Schola Publications |
| 978-99932-59-83-1 | Malti.F Il-5 tarġa A | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-84-8 | Number Wise workbook 5a | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-85-5 | Number Wise workbook 5b | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-86-2 | Number Wise workbook 6a | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-87-9 | Number Wise workbook 6b | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-88-6 | Number Wise workbook 5a | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-89-3 | Number Wise workbook 5b | Lorraine Vella | Schola Publications |
| 978-99932-59-90-9 | Malti.F Il-5 tarġa B | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-91-6 | Malti.F Is-6 tarġa A | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-92-3 | Malti.F Is-6 tarġa B | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-95-4 | Malti.K1 | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-96-1 | Malti.K2 | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
| 978-99932-59-97-8 | Malti.K3 | Rita Azzopardi, Beverley Caruana | Schola Publications |
